**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Jannar 2025**

Rikors Numru: 414/24 AL

AB

vs

CB

(M.R. Numru 1083/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-esponenti zzewweg nhar it-tnejn (2)ta'Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u u miz-zwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx tfal(DOK A);

2. Il-partijiet jiddikjaraw illi huma ilhom separati permezz ta kuntratt in atti Dottor Josef Christian Masini Vella mill-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (DOK B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm l-ebda obbligazzjoni ta manteniment bejn il-partijiet.
5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
2. Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u
3. Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierga u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal- 5 ta’ Settembru, 2024;

Semgħet lill-intimata fuq domanda tal-Qorti twiegeb li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta’ Marzu 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.